**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 59

il-Ħamis , 2 ta' Lulju , 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Stefan Cordina | Preżenti |
| Sindku Sliema | Anthony Chircop | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Prezenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Sindku l-Gżira | Conrad Borg Manche | Preżenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Skużat |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Preżenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Skużata |
| Sindku l-Pietà | Keith Tanti | Assenti |
| Viċi-Sindku l-Iklin | Dr Dorian Sciberras | Preżenti |
| Viċi-Sindku Ħal Balzan | Andre Grech | Preżenti |
| Sindku San Ġiljan | Karl Gouder | Preżenti |

**UFFIĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv: Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 58 li saret nhar il-Ħamis, 16 ta' Ġunju 2015, kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Anthony Chircop, sekondat mis-Sur Dominic Cassar.

## 2. ĦWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, staqsa lill-membri preżenti jekk hemmx xi ħadd mill-membri preżenti li xtaq xi kjarifika fuq il-minuti tal-laqgħa preċedenti.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, staqsa lill-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, f'liema stadju kienet waslet it-talba tiegħu sabiex titwaħħal CCTV Camera f'Santa Venera.

Is-Sur David Soler spjega li ftit tal-jiem qabel il-laqgħa huwa mar fuq il-post flimkien mas-Sinjura Miriam Barbara mill-Guard and Warden Service House Ltd.

***17:47pm is-Sindku ta'  San Ġiljan, is-Sur Karl Gourder, wasal għal din il-laqgħa.***

## 3. SEJĦA GĦAS-SERVIZZI PROFESSJONALI TA' *ACCOUNTANT*

Peress li l-Accountant, is-Sur Brendan Camilleri, kien għadu ma wasalx għal din il-laqgħa, il-President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri sabiex jgħaddu għall-*item* numru 5.

Il-President, is-Sur Stefan Cordina informa lill-memberi li l-kuntratt ta-servizz professjonali ta' Accountant skada f'Jannar tal-2015. Peress li kienu ser jibdew il-preparamenti tal-awditjar, ir-Reġjun kien iddeċieda li s-sejħa għal dan il-kuntratt għandha tinħareġ kif ikun tlesta x-xogħol relatat mal-awditjar. Għal din ir-raġuni, qed inressqu d-dokument tat-tender għall-approvazzjoni.

Is-Sur Cordina spjega kif għandu jintgħażel bord ta' membri sabiex ikunu jistgħu jaġġudikaw it-tenders.

Il-Bord ser ikun kompost mis-Sur Stefan Cordina, is-Sur Stephen Sultana, is-Sur Conrad Borg Manche u s-Sur Karl Gouder.

## 4. KORRISPONDENZA

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, infurmat lill-membri li s-Sinjura Audrey Testaferrata De Noto wieġbet lura għat-talba biex tiġi installata *speed camera* f'Ħ'Attard, kif ukoll f'Tas-Sliema. Is-Sinjura Testaferrata De Noto infurmat li qed jinvestigaw miżuri ta' infurzar tal-veloċità alternattivi u għalhekk dawn iż-żewġ talbiet ser jiġu investigati.

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, issuġġerixxa li għandu jkun hemm *reminders* kull tant żmien biex naraw jekk kienx hemm żviluppi fuq dawn il-prosposti.

Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, issuġġerixxa li għandu jintalab *timeframe*.

Is-Sur Cordina spjega li f'ċirkustanzi bħal dawn ikun diffiċli li jipprovdulna *timeframe* u għalhekk kullħadd qabel li għandhom jintbagħtu *reminders.*

## 5. MISTOQSIJIET

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-membri.

Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Karl Gourder, staqsa jekk kienx hemm xi deċizjoni fuq is-sistema kompjuterizzata tal-permessi.

Is-Sur Cordina xtaq jinforma lill-membri li l-Kunsill Lokali tiegħu diġà qed jagħmel użu minn dan is-servizz u hu jirrakomdaha lil dawk il-Kunsilli li għad m'għandhomx din is-sistema.

Għal din ir-raġuni, kien hemm qbil unanimu bejn il-membri biex rappreżentant minn din il-kumpanija jiġi mistieden għal-laqgħa li jmiss sabiex ikun jista' jgħati spjegazzjoni aħjar ta' kif taħdem din is-sistema.

## 6. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri li ma kellu l-ebda komunikazzjoni min-naħa tiegħu.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

Is-Sur Karl Gourder, sekondat mis-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 58. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 8. APPROVAZZJONI TA' *LETTER OF REPLY GĦAL MANAGEMENT LETTER* GĦAS-SENA FINANZJARJA 2014

L-Accountant tar-Reġjun, is-Sur Brendan Camilleri, ta spjegazzjoni fuq il-*quarterly report* sa Marzu 2015 u informa lill-membri li fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss ser jiġi ppreżentat il-quarterly report sa Ġunju 2015.

Is-Sur Stephen Sultana talab għal spjegazzjoni fuq is-sitwazzjoni tal-Ageing Debtors u rrimarka fuq il-kwistjoni tax-Share Capital li ġaladarba li r-Reġjun mhuwiex kumpanija, ma jistax ikollu Share Capital jidher fil-Balance Sheet.

Is-Sur Camilleri spjega li ser jitlob lid-Datatrak sabiex tiprovdi rapporti aktar aġġornati u li dawn l-accounts għandhom jerġaw jiġu riveduti.

***18:11pm Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, wasal għal din il-laqgħa.***

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ressqet fuq il-mejda kopja tal-Management Letter għas-sena 2014 kif ukoll il-*letter of reply*.

Is-Sur Camilleri żied jgħid li ħafna mill-affarijiet li kien hemm fil-*management letter* ġew indirizzati.

Peress li d-dokumenti kienu twal, il-membri ssuġġerixxu li l-approvazzjoni tal-letter of reply ma għandhiex issir dak inhar. Għal din ir-raġuni ġie propost li min għandu bżonn kjarifika jew għandu xi oġġezzjoni, għandu jressaq il-punti tiegħu permess ta' e-mail sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2015, f'nofsinhar. Jekk ikun hemm xi problema, il-membri ddeċiedew li għandhom jiltaqgħu għal-laqgħa ta' urġenza nhar il-Ħamis 9 ta' Lulju 2015, fil-5:30pm, ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imsida.

Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri kollha li jekk is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ma tirċievi l-ebda oġġezzjoni, l-ittra għandha tiġi kkunsidrata li hija approvata unanimament.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

### 9.1 *Aġġornament fuq is-sejħa ta' Accounts Officer*

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, spjega kif fil-laqgħa preċedenti l-membri kienu infurmati li l-ewwel kandidat magħżul għal din il-kariga kien is-Sur Ian Magro. Is-Sur Magro aċċetta din il-kariga u beda l-impjieg tiegħu mill-bieraħ, l-Erbgħa 1 ta' Lulju 2015.

### *9.2 Ħinijiet tal-uffiċċju amministrattiv*

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, spjega kif fil-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali ġewwa l-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali (2012-2016), numru 16 jitratta s-sigħat ta' xogħol. Skont dan il-ftehim, "fix-xahar ta' Awwissu l-impjegati klerikali għandhom jaħdmu medja ta' sitt sigħat xogħol kuljum". "is-sagħtejn ta' xogħol li jaħdmu anqas f'dan ix-xhar ikunu jiridu jpattu għalihom matul ix-xhur l-oħra tas-sena."

Peress li f'Awwissu, ir-Reġjun ma jkollux seduti tat-Tribunal, l-impjegati ser jkunu qed jaħdmu bejn is-7:30pm u s-1:30pm u d-differenza ser tinħadem fix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2015.

Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri kollha.

### *9.3 Appuntazzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.*

Il-President tar-Reġjun, is-Sur Cordina, spjega li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, talbet għal direzzjoni meta hi ser tkun bil-maternity leave. Skont ir-regoli, dan ir-Reġjun għandu jappunta Deputat Segretarju Eżekuttiv u għal din ir-raġuni qegħdin jinnominaw lis-Sur Simon Cauchi, li kien Aġent Segretarju Eżekuttiv qabel is-Sinjura Galea.

Għalkemm is-Sinjura Galea ser tkun bil-leave, hija xorta ser tibqa' f'kuntatt kontinwu mal-istaff u disponibbli għal min ikollu bżonn xi ħaġa.

### *9.4 Kompjuters ġodda*

Fuq l-approvazzjoni fl-aħħar laqgħa sabiex jinxtraw tliet kompjuters ġodda, kien hemm tibdil sabiex l-iscreen jinxtara ta' 22'' minflok ta' 19'' peress li kienu wisq żgħar. Id-deċizjoni saret peress li d-differenza fil-prezz kienet biss ta' €84.98.

Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

## 10. TMIEM

Fis-6.35pm ntemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis 6 ta' Awwissu, 2015 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Stefan Cordina
President